A.L. 254 ta' l-2002

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni ta' l-2002 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika Federali tal-Ġermanja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2002 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Repubblika Federali tal-Ġermanja). Titolu.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat - Arranġamenti jkollhom effett.

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni saru mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja:

it-taxxa fuq l-*income* Einkommensteuer,

it-taxxa korporattiva (Korperschaftsteuer),

it-taxxa fuq il-kapital (Vermogensteuer), u

it-taxxa fuq il-kummerċ (Gewerbesteuer),

inklużi s-supplimenti li jinġabru fuqhom;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fis-27 ta' Diċembru, 2001.

SKEDA

FTEHIM BEJN MALTA U R-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA DWAR-ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME* U FUQ IL-KAPITAL

Malta u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, billi jixtiequ jġibu 'l quddiem r-relazzjonijiet ekonomiċi reċiproċi ta' bejniethom billi jwarrbu kull xkiel fiskali, ftehmu kif ġej:

Artiklu 1

SKOP PERSONALI

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

Artiklu 2

TAXXI KOPERTI

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* u fuq il-kapital imposti f'isem Stat Kontraenti, Land jew sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* u fuq il-kapital it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali, fuq il-kapital totali jew fuq elementi ta' *income* jew ta' kapital, inklużi taxxi fuq dħul mill-bejgħ ta' proprjetà mobbli jew immobbli u taxxi fuq l-apprezzament kapitali.

3. It-taxxi eżistenti li għalihom japplika dan il-Ftehim huma b'mod partikolari:

a) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja:

it-taxxa fuq l-*income* Einkommensteuer,

it-taxxa korporattiva (Korperschaftsteuer) ,

it-taxxa fuq il-kapital (Vermogensteuer), u

it-taxxa fuq il-kummerċ (Gewerbesteuer),

inklużi s-supplimenti li jinġabru fuqhom;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa tal-Ġermanja");

b) f'Malta:

it-taxxa fuq l-*income*

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta").

4. Il-Ftehim għandu japplika wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li tiġi imposta wara d-data meta jiġi ffirmat il-Ftehim b'żieda ma', jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom - jekk dan ikun meħtieġ skond il-Ftehim - jgħarrfu lil xulxin b'kull tibdil li jkun sar fil-liġijiet rispettivi tagħhom dwar it-taxxa.

Artiklu 3

TIFSIRIET ĠENERALI

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

a) il-frażi "Repubblika Federali tal-Ġermanja" tfisser it-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif ukoll l-area ta' qiegħ il-baħar, is-sottoswol tagħha u l-kolonna ta' ilma sovrajaċenti li hi adjaċenti mal-baħar territorjali, hekk kif ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hemm teżerċita drittijiet sovrani u ġurisdizzjoni b'mod konformi mad-dritt internazzjonali u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħha biex tesplora l-blata kontinentali u tesplojta r-riżorsi naturali tagħha;

b) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta' Malta u, meta użata f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull area ta' qiegħ il-baħar, is-sottoswol tagħha u l-kolonna ta' ilma sovrajaċenti li hi adjaċenti ma' l-ibħra territorjali, fejn ir-Repubblika ta' Malta teżerċita drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni, jew kontroll skond id-dritt internazzjonali u l-liġi nazzjonali tagħha, inkluża l-leġislazzjoni tagħha li tirrigwarda l-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

ċ) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru Malta jew ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, skond ma tkun teħtieġ ir-rabta tal-kliem;

d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu u kumpannija;

e) il-frażi "kumpannija" tfisser korp magħqud jew enti li jkunu ttrattati bħala korp magħqud għall-iskopijiet ta' taxxa;

f) il-frażijiet "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża ġestita minn residenti ta' Stat Kontraenti u impriża ġestita minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

ġ) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser trasport li jsir b'bastiment jew inġenji ta' l-ajru mħaddma minn impriża li jkollha l-post ta' maniġġ effettiv tagħha fi Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru jiġu unikament imħaddma bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

h) il-frażi "ċittadin" tfisser:

aa) fil-każ tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kull Ġermaniż kif imfisser fil-Liġi Bażi tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u kull persuna legali, soċjetà u assoċjazzjoni li tikseb l-istatus tagħha bħala tali mil-liġijiet fis-seħħ fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ;

bb) fil-każ ta' Malta, kull individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' Malta, u kull persuna legali, soċjetà jew assoċjazzjoni li tikseb l-istatus tagħha bħala tali mil-liġijiet li jkunu fis-seħħ f'Malta;

i) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

aa) fil-każ tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Ministeru Federali tal-Finanzi jew l-aġenzija li tkun ġiet delegata bis-setgħat tiegħu;

bb) fil-każ ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għar-rigward ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, t-tifsira mogħtija lilha taħt il-liġi ta' dak l-Istat dwar it-taxxi li l-Ftehim ikun japplika għalihom.

Artiklu 4

RESIDENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, hija suġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba d-domiċilju, r-residenza, post tal-maniġġ jew xi kriterju ieħor ta' xorta simili. Madankollu din il-frażi ma tinkludix lil xi persuna li tkun soġġetta għat-taxxa f'dak l-Istat għar-rigward biss ta' *income* minn għejjun f'dak l-Istat jew kapital li jkun jinsab hemmhekk.

2. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 individwu jkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

a) huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat li fih ikollu dar permanenti għad-disposizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-disposizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati, huwa għandu jitqies li huwa residenti ta' l-Istat li miegħu r-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu ikunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jistax jiġi determinat, jew jekk huwa ma jkollux għad-disposizzjoni tiegħu dar permanenti f'ebda Stat, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat li fih soltu jirrisjedi;

ċ) jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat li jkun ċittadin tiegħu;

d) jekk huwa jkun ċittadin taż-żewġ Stati jew ta' l-ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejniethom.

3. Meta minħabba d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 kumpannija tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, għaldaqstant hija titqies li tkun residenti ta' l-Istat li fih ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv tagħha.

Artiklu 5

STABBILIMENT PERMANENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa għalkollox jew f'parti minnu x-xogħol ta' impriża.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" tinkludi b'mod speċjali:

a) post ta' maniġġ;

b) fergħa;

ċ) uffiċċju;

d) fabbrika;

e) ħanut tax-xogħol; u

f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali inkluż sit ta' *offshore drilling*.

3. Art li tkun qegħda tinbena jew proġett ta' kostruzzjoni jew stallazzjoni jikkostitwixxu stabbiliment permanenti biss meta dak il-proġett ikompli għal perjodu ta' iżjed minn disa' xhur.

4. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, il-frażi "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop uniku ta' ħażna jew ta' wiri ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża;

b) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' ħażna, wiri jew kunsinna;

ċ) il-manutenzjoni ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop uniku ta' pproċessar minn impriża oħra;

d) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija, jew ta' ġbir ta' tagħrif, għall-impriża;

e) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku li tiġi ġestita, għall-impriża, xi attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

f) il-manutenzjoni ta' post fiss ta' negozju għall-iskop uniku ta' xi kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi a) sa e), kemm-il darba l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun waħda ta' xorta preparatorja jew awżiljari.

5. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2, meta persuna - li ma tkunx aġent bi status indipendenti li għalih japplika l-paragrafu 6 - tkun qed taġixxi u jkollha, u tkun soltu teserċita, fi Stat Kontraenti awtorità biex tagħmel kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat għar-rigward ta' kull attività li dik il-persuna tagħmel għal dik l-impriża, kemm-il darba l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 li, jekk jiġu eserċitati minn ġo post tan-negozju fiss, ma jirrendux dan il-post ta' negozju fiss bħala stabbiliment permanenti taħt id-disposizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

6. Impriża ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Kontraenti unikament għaliex tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qed jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

7. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun ikkontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil xi kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

Artiklu 6

INCOME MINN PROPRJETÀ IMMOBBLI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura jew ħidma fil-boskijiet) li jkunu jinsabu fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobbli" għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li fih tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett, tagħmir u attrezzament ieħor kummerċjali li jintuża fl-agrikoltura jew fil-ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà ta' l-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u d-drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu, jew għall-esplorazzjoni ta', depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali; bastimenti, opri tal-baħar u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu ta' kull xorta ta' proprjetà immobbli.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għall-*income* minn proprjetà immobbli ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli użata għall-għemil ta' servizzi personali indipendenti.

Artiklu 7

PROFITTI MINN NEGOZJU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom ikunu biss taxxabbli f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tmexxix negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss għal dik il-parti minnhom daqskemm tkun attribwibbli għal dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun qed tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk, għandhom f'kull Stat Kontraenti jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti l-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet jew oħrajn bħalhom u li taħdem indipendentement għalkollox mill-impriża li tagħha tkun stabbiliment permanenti.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet ta' l-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jkunu saru, sew fl-Istat li fih ikun jinsab l-istabbiliment permanenti sew band'oħra.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba fi tqassim tal-profitti totali ta' l-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 ma għandha tipprekludi lil dak l-Istat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim skond ma jista' jkun konswetudinarju; il-metodu ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, jkun tali li r-riżultat għandu jkun skond il-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artiklu.

5. Ebda profitti ma għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f'li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi preċedenti, l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti biex dan ma jsirx.

7. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li qegħdin jiġu ttrattati separatament f'Artikli oħra ta' dan il-Ftehim, għaldaqshekk id-disposizzjonijiet ta' dawk l-Artikli ma għandhomx jintlaqtu bid-disposizzjonijiet ta' dan l- Artiklu.

Artiklu 8

TBAĦĦIR U TRASPORT BL-AJRU

1. Il-profitti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom ikunu taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv ta' l-impriża.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artiklu l-frażi "profitti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali" tinkludi profitti minn:

a) *chartering* li jsir b'mod okkażjonali ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru;

b) l-użu jew il-kiri ta' *containers* (inklużi *trailers* u tagħmir anċillari li jintuża għat-trasport ta' *containers*,

jekk dawn l-attivitajiet ikunu jappartjenu għat-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali.

3. Jekk il-post ta' maniġġ effettiv ta' impriża merkantili jkun abbord xi bastiment, ghaldaqstant dan għandu jitqies bħala li jinsab fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-port bażi tal-bastiment, jew, jekk tali port bażi ma jkunx jeżisti, fl-Istat Kontraenti fejn ikun residenti l-operatur tal-bastiment.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ukoll japplikaw għal profitti ġejjin mill-parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija b'operat internazzjonali.

Artiklu 9

IMPRIŻI ASSOĊJATI

1. Meta:

a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li, kieku ma kienux għal dawk il-kondizzjonijiet, kienu jakkumulaw għal waħda mill-impriżi, imma, minħabba f'dawk il-kondizzjonijiet, ma ġewx hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati skond hekk.

2. Meta Stat Kontraenti ikun jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat - u skond hekk jintaxxa - profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat li kieku l-kondizzjonijiet magħmula bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kienu jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, għaldaqshekk dak l-Istat l-ieħor jista' jagħmel it-tibdil li jmiss fl-ammont tat-taxxa imposta hemmhekk fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit dak it-tibdil, għandhom jitqiesu kif dovut id-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jekk ikun hekk meħtieġ jikkonsultaw lil xulxin.

Artiklu 10

DIVIDENDI

1. Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor tista' tiġi intaxxata fl-Istat l-ieħor.

2. Madankollu, dawk id-dividendi jistgħu wkoll jiġu intaxxati fl-Istat Kontraenti fejn il-kumpannija li tħallas id-dividendi tkun residenti tiegħu u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, imma meta s-sid benefiċjarju tad-dividendi jkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, it-taxxa li tiġi hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn:

a) 5 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi jekk is-sid benefiċjarju jkun kumpannija (mhux soċjetà) li jkollha direttament mill-inqas 10 fil-mija tal-kapital tal-kumpannija li tkun qed tħallas id-dividendi;

b) 15 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendifil-każijiet l-oħra kollha.

3. Fil-każ ta' Malta, id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ma għandhomx ikunu japplikaw sakemm skond il-liġi tat-taxxi ta' Malta tista' ssir tpaċija fuq it-taxxa li titħallas fuq il-profitti ta' kumpannija kontra t-taxxa fuq l-*income* ta' l-azzjonist. F'dak il-każ it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross tad-dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li jkun is-sid benefiċjarju tagħhom ma għandhiex teċċedi:

a) dik it-taxxa li għandha titħallas fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi; jew

b) 15 fil-mija mill-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi, jekk id-dividendi jitħallsu mill-qligħ jew mill-profitti li jinqalgħu f'xi sena li dwarha l-kumpannija tkun qed tirċievi xi benefiċċju taħt id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-għajnuna lill-industriji f'Malta, u l-azzjonist jippreżenta prospetti u kontijiet lill-awtoritajiet tat-taxxa ta' Malta dwar dak l-*income* tiegħu li fuqu għandha titħallas it-taxxa ta' Malta għas-sena ta' stima relattiva.

4. Il-frażi "dividendi" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn ishma, ishma *"jouissance"* jew drittijiet *"jouissance"*, ishma konnessi mal-minjieri, ishma konnessi mal-fundaturi jew *income* ieħor li jingħata l-istess trattament fl-intaxxar bħallikieku kien *income* minn ishma bil-liġijiet ta' l-Istat li tiegħu l-kumpannija li tkun qed tagħmel it-tqassim tkun residenti. Il-frażi "dividendi" tinkludi wkoll *income* li jinkiseb minn soċju mhux attiv ("stiller Gesellschafter") mill-parteċipazzjoni bħala tali jew minn "partiarisches Darlehen", "Gewinnobligationen" jew ħlasijiet u distribuzzjonijiet simili fuq ċertifikati ta' fond ta' investiment jew *trust* ta' investiment.

5. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jagħmel f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

6. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief daqskemm dawk id-dividendi jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew daqskemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkun effettivament konness ma' stabbiliment permanenti jew ma' bażi stabbilita sitwati f'dak Istat l-ieħor, lanqas jissuġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

Artiklu 11

MGĦAX

1. Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u li jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss f'dak l-Istat l-ieħor jekk dak ir-residenti jkun is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax.

2. Il-frażi "mgħax" kif inħi wżata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk assigurati b'ipoteka sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*, inklużi *premiums* u premjijiet relatati ma' dawk it-titoli, *bonds* jew *debentures*. Ħlasijiet ta' penali għal ħlas tardiv ma jitqiesux bħala mgħax għall-finijiet ta' dan l-Artiklu.

3. Il-provvedimenti tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-imgħax, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-imgħax tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'każ bħal dak għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

4. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont ta' l- imgħax, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il-parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, fil-qies tad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 12

ROYALTIES

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat l-ieħor jekk dak ir-residenti jkun is-sid benefiċjarju tar-*royalties*.

2. Il-frażi "*royalties*" kif din tintuża f'dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jsiru b'korrispettiv għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' xi dritt ta' l-awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi films ċinematografiċi, privattiva, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, jew għal informazzjoni dwar konoxxenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

3. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqalgħu ir-*royalties*, permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak Istat l-ieħor minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew l-Artiklu 14, skond il-każ.

4. Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju effettiv jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, fil-qies ta' x'ikun l-użu, d-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 13

QLIGĦ KAPITALI

1. Qligħ li jinkiseb minn resident ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli li tkun tinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Qligħ li jinkiseb mit-trasferiment ta' ishma u jeddijiet simili f'kumpannija, li jkollha l-assi tagħha prinċipalment jikkonsistu fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stat Kontraenti jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat.

3. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi stabbilita disponibbli għal residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien ma' l-impriża kollha) jew ta' dik il-bażi stabbilita, jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

4. Qligħ li jinkiseb mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru li jitħaddmu fi traffiku internazzjonali jew proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta' dawk il-bastimenti jew inġenji ta' l-ajru, għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv ta' l-impriża.

5. Qligħ li jinkiseb mit-trasferiment ta' proprjetà li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4, għandha tkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li t-trasferent ikun residenti tiegħu.

Artiklu 14

SERVIZZI PERSONALI INDIPENDENTI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' xorta indipendenti għandu jkun intaxxat biss f'dak l-Istat kemm-il darba ma jkollux bażi stabbilita regolarment disponibbli għalih fl-Istat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jwettaq l-attivitajiet tiegħu jew ma jkunx preżenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal perjodu jew perjodi li fit-total ikunu jammontaw għal jew jaqbżu l-183 ġurnata f'perjodu ta' 12-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena kalendarja inkwistjoni. Jekk huwa jkollu bażi fissa bħal dik jew inkella jibqa' f'dak l-Istat l-ieħor għal dak iż-żmien jew zminijiet imsemmija, l-*income* jista' jiġi intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor imma biss f'daqstant minnu daqskemm ikun attribwibbli għal dik il-bażi fissa jew jinkiseb f'dak l-Istat l-ieħor matul iż-żmien jew żminijiet hawn qabel imsemmija.

2. Il-fraži "servizzi professjonali" tinkludi attivitajiet letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim li huma speċjalment indipendenti kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta' tobba, dentisti, avukati, inġiniera, periti u *accountants*.

Artiklu 15

SERVIZZI PERSONALI DIPENDENTI

1. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 16, 18 u 19, is-salarji, il-pagi u kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impieg ma jiġix eserċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impieg jiġi hekk eserċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg eserċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

a) min jirċevih ikun preżenti fl-Istat l-ieħor għal perjodu jew perjodi li ma jaqbżux it-total ta' 183 ġurnata f'perjodu ta' 12 il-xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena kalendarja involuta, u

b) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti ta' l-Istat l-ieħor, u

ċ) il-kumpens ma jkunx piż fuq stabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet preċedenti ta' dan l-Artiklu, il-kumpens li jinkiseb dwar impieg eserċitat abbord bastiment jew inġenji ta' l-ajru operati fi traffiku internazzjonali jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv ta' l-impriża li tħaddem il-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru.

Artiklu 16

DRITTIJIET TAD-DIRETTURI

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet simili oħra li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-bord ta' diretturi ta' kumpannija li tkun residenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

Artiklu 17

ARTISTI U SPORTIVI

1. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 7, 14 u 15, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti bħala uħud li jagħtu spettaklu, bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċisti, jew bħala sportiv, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali li jiġu eserċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 12, l-*income* li jinkiseb minn persuni msemmija fil-paragrafu 1 mill-attivitajiet personali tagħhom li jwettqu fl-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom ukoll jinkludu rimunerazzjoni ta' kull xorta li titħallas għall-uzu jew il-jedd li jintużaw l-isem, il-fotografija jew drittijiet personali oħra ta' dawk il-persuni. L-istess japplika għal *income* li jinkiseb mit-tolleranza ta' reġistrar u trasmissjoni ta' wirjiet artistiċi u atletiċi bir-radju u t-televiżjoni.

3. Meta *income* kif imfisser fil-paragrafi 1 u 2 jmur mhux għand min jagħti spettaklu jew l-isportiv innifsu imma għand xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 7, 14 u 15, jiġi intaxxat mill-Istat Kontraenti fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' min jagħti spettaklu jew ta' l-isportiv.

4. Il-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għal *income* li jingħabar mill-eżerċizzju ta' attivitajiet minn artisti u sportivi fi Stat Kontraenti meta l-viżta f'dak l-Istat tkun finanzjata għalkollox jew prinċipalment minn flejjes pubbliċi ta' l-Istat l-ieħor, Land, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom jew minn organizzazzjoni li f'dak l-Istat l-ieħor tkun rikonoxxuta bħala organizzazzjoni karitattevoli. F'dak il-każ l-*income* jista' jiġi intaxxat biss fl-Istat Kontraenti fejn l-individwu jkun residenti.

Artiklu 18

PENSJONIJIET, ANNWALITAJIET U ĦLASIJIET SIMILI

1. Pensjonijiet u ħlasijiet simili jew annwalitajiet lil jitħallsu lil residenti ta' Stat Kontraenti mill-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom ikunu taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, ħlasijiet riċevuti minn individwu li jkun residenti ta' Stat Kontraenti mill-assigurazzjoni soċjali statutorja ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat l-ieħor.

3. Minkejja d-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, ħlasijiet rikorrenti jew mhux rikorrenti li jsiru minn xi wieħed mill-Istati Kontraenti jew sottodiviżjoni politika tagħhom lil persuna residenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal danni mġarrba b'riżultat ta' gwerra jew persekuzzjoni politika jew servizz militari jew ċivili (inklużi ħlasijiet li jsiru b'restituzzjoni) għandhom ikunu taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi.

4. Il-frażi "annwalitajiet" tfisser xi ammonti li jitħallsu perjodikament fi żminijiet stipulati, għall-ħajja jew għal żmien speċifiku jew aċċertabbli, taħt obbligazzjoni li l-ħlasijiet isiru bħala korrispettiv adegwat u sħiħ fi flus jew valur ta' flus.

5. Ħlasijiet għall-manteniment, inkluż dak li jsir għat-tfal, li jsiru minn residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom ikunu eżenti mit-taxxa f'dak l-Isat l-ieħor. Dan ma jkunx japplika meta dawk il-ħlasijiet ta' manteniment jistgħu jitnaqqsu fl-Istat l-ewwel imsemmi meta jinħadem l-income taxxabbli ta' min iħallas; allowances ta' taxxa li jingħataw minħabba f'piżijiet soċjali ma jitqiesux bħala tnaqqis għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

Artiklu 19

SERVIZZ TAL-GVERN

1. Kull rimunerazzjoni, minbarra xi pensjoni, mħallsa minn Stat Kontraenti, Land, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom jew xi entità legali oħra skond id-dritt pubbliku lil individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-Istat, Land, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom jew xi entità legali oħra skond id-dritt pubbliku, għandha tkun taxxabbli biss f'dak l-Istat. Madankollu, kull rimunerazzjoni simili għandha tkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u jekk l-individwu jkun residenti ta' dak l-Istat u

(a) jkun ċittadin ta' dak l-Istat; jew

(b) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat unikament sabiex jagħti dawk is-servizzi.

2. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 18, kull pensjoni mhallsa minn Stat Kontraenti, Land, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom jew xi entità legali oħra skond id-dritt pubbliku ta' dak l-Istat lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtija lil dak l-Istat, Land, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom jew xi entità legali oħra skond id-dritt pubbliku, għandhom ikunu taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat u ċittadin ta' dak l-Istat.

3. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 15, 16 u 18 għandhom japplikaw għal kull rimunerazzjoni u pensjoni għar-rigward ta' servizzi mogħtijin f'dak li għandu x'jaqsam ma' negozju li jkun ġestit minn Stat Kontraenti, Land, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom jew xi entità legali oħra skond id-dritt pubbliku ta' dak l-Istat.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom bl-istess mod japplikaw dwar rimunerazzjoni mħallsa, taħt programm ta' assistenza għall-iżvilupp ta' Stat Kontraenti, Land, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom, minn flejjes esklużivament provduti minn dak l-Istat, Land, sottodiviżjoni politika jew awtorità lokali tagħhom, lil xi speċjalista jew voluntier misluf lill-Istat Kontraenti l-ieħor bil-kunsens ta' dak l-Istat l-ieħor.

5. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom bl-istess mod japplikaw dwar rimunerazzjoni mħallsa min jew għall-Istitut Goethe tar- Repubblika Federali tal-Ġermanja. Trattament korrispondenti tar-rimunerazzjoni ta' istituzzjonijiet oħra komparabbli ta' l-Istati Kontraenti jista' jiġi mrangat mill-awtoritajiet kompetenti bi ftehim reċiproku. Jekk dik ir-rimunerazzjoni ma tiġix intaxxata fl-Istat fejn tkun ġiet iffondata l-istituzzjoni, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 15.

Artiklu 20

PROFESSURI VIŻITATURI, GĦALLIEMA U STUDENTI

1. Individwu li jżur Stat Kontraenti bi stedina ta' dak l-Istat jew ta' xi università, kulleġġ, skola, mużew jew istituzzjoni kulturali oħra ta' dak l-Istat skond programm uffiċjali ta' bidliet kulturali għal żmien li ma jeċċedix is-sentejn unikament għall-fini ta' tagħlim, għoti ta' lezzjonijiet, jew l-għemil ta' riċerka f'tali istituzzjoni u li jkun, jew li kien minnufih qabel dik iż-żjara, residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu jkun eżenti mit-taxxa fl-Istat l-ewwel imsemmi fuq ir-rimunerazzjoni li jkollu għal dik l-attività, sakemm dik ir-rimunerazzjoni tinkiseb minnu minn barra dak l-Istat.

2. Ħlasijiet li student jew apprendist kummerċjali li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun preżenti fl-ewwel imsemmi Stat unikament għall-fini ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu, jirċievi għall-finijiet tal-manteniment, l-edukazzjoni jew it-taħriġ tiegħu ma għandux jiġi intaxxat f'dak l-Istat, sakemm dawk il-ħlasijiet joriġinaw minn għejjun barra minn dak l-Istat.

Artiklu 21

INCOME IEĦOR

1. Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma jkunux ittrattati fl-Artikli ta' hawn aktar qabel ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal *income*, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli, jekk min jirċievi dak l-*income*, għax ikun residenti ta' Stat Kontraenti, jiġġestixxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dak l-Istat, jew iwettaq f'dak Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* jkunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 14, skond il-każ.

Artiklu 22

KAPITAL

1. Kapital li jkun jikkonsisti fi proprjetà immobbli, li jkun jappartjenti lil residenti ta' Stat Kontraenti u jkun jinsab fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Kapital li jkun jikkonsisti fi proprjetà mobbli u li jagħmel parti mill-proprjetà kummerċjali ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew fi proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi fissa li tkun disponibbli għal residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għall-finì tat-twettiq ta' servizzi personali indipendenti, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

3. Kapital li jkun jikkonsisti f'bastimenti u inġenji ta' l-ajru mħaddma fi traffiku internazzjonali u fi proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għat-tħaddim ta' dawk il-bastimenti u inġenji ta' l-ajru għandu jkun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv ta' l-impriża.

4. Kull element ieħor ta' kapital ta' residenti ta' Stat Kontraenti jkun biss taxxabbli f'dak l-Istat.

Artiklu 23

ĦELSIEN MINN TASSAZZJONI DOPPJA FL-ISTAT TA' RESIDENZA

1. It-taxxa għandha tiġi stabbilita fil-każ ta' residenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ġej:

a) Kemm-il darba ma jiġix permess kreditu ta' taxxa barranija taħt is-subparagrafu b), għandu jiġi eżentat mill-bażi ta' stima tat-taxxa tal-Ġermanja kull element ta' *income* li joriġina f'Malta u kull element ta' kapital li jkun jinsab ġewwa Malta li, skond dan il-Ftehim, jista' jiġi intaxxat f'Malta. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, madankollu, iżżomm id-dritt li tqis meta tiġi biex tistabbilixxi r-rata ta' taxxa tagħha l-elementi ta' *income* u ta' kapital hekk eżentati. Fil-każ ta' elementi ta' *income* minn dividendi id-disposizzjoni ta' qabel għandha tapplika biss għal dawk id-dividendi li jitħallsu lil xi kumpannija (mhux inklużi soċjetajiet) li tkun residenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta li mill-anqas 10 fil-mija tal-kapital li tiegħu tkun proprjetarja diretta l-kumpannija Ġermaniża u li ma jkunux tnaqqsu meta jkun ġew stabbiliti l-profitti tal-kumpannija li tkun qed tqassam dawk id-dividendi.

Għandhom jiġu eżentati mill-bażi ta' stima tat-taxxi fuq il-kapital kull parteċipazzjoni azzjonarja li d-dividendi tagħha, li dawn kellhom jitħallsu, kienu kieku jkunu eżentati skond is-sentenzi ta' hawn aktar qabel.

b) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-liġi tat-taxxa tal-Ġermanja dwar il-kreditu ta' taxxa barranija, għandu jiġi permess bi kreditu kontra t-taxxa tal-Ġermanja li titħallas għar-rigward ta' dawn l-elementi ta' *income* li ġejjin it-taxxa ta' Malta mħallsa taħt il-liġijiet ta' Malta u skond dan il-Ftehim:

aa) dividendi mhux imsemmija fis-subparagrafu a) hawn aktar qabel;

bb) elementi ta' *income* li jistgħu jiġu intaxxati f'Malta skond il-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 13;

ċċ) drittijiet ta' diretturi;

dd) elementi ta' *income* ta' artisti u sportivi.

ċ) Għall-finijiet tas-subparagrafu b) ta'dan il-paragrafu,

aa) dividendi msemmija fis-subparagrafu b) ta' paragrafu 3 ta' l-Artiklu 10, u

bb) dividendi mħallsa mill-profitti li jibbenefikaw minn xi skadenza preskritta biż-żmien jew bi tnaqqis ta' taxxa mogħtija taħt disposizzjonijiet ta' incentivi li jinsabu fil-liġi ta' Malta maħsuba biex iġibu 'l quddiem l-iżvilupp ekonomiku sal-limitu li dik l-eżenzjoni jew dak it-tnaqqis jingħataw għal profitti minn attivitajiet industrjali jew ta' manifattura, il-biedja, s-sajd, it-turiżmu (inklużi ristoranti u lukandi) u dawk l-attivitajiet l-oħra li jistgħu jiġu miftiehma bejn l-awtoritajiet kompetenti, sakemm l-attivitajiet jkunu ġew ġestiti ġewwa Malta, għandhom ikunu soġġetti għat-taxxa tal-Ġermanja fuq l-ammont wara t-tnaqqis tat-taxxa ta' Malta mħallsa (jekk ikun hemm) fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi taħt il-liġijiet ta' Malta u skond

dan il-Ftehim, u taxxa ta' 20 fil-mija kkalkulata fuq l-ammont gross tad-dividendi għandha titqies bħala li tkun tħallset f'Malta. Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subparagrafu għandhom japplikaw għall-ewwel għaxar snin li matulhom dan il-Ftehim ikun effettiv. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż bi ftehim reċiproku bejn l-awtoritajiet kompetenti.

d) Id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu b) għandhom japplikaw minflok id-disposizzjonijiet tas-subparagrafu a) għal elementi ta' *income* li jinsabu fl-Artikli 7 u 10 u għal kull attiv li minnu jinkiseb dak l-*income* jekk ir-residenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma jġibx prova li l-*income* gross ta' l-istabbiliment permanenti fis-sena ta' negozju li fiha jkun sar il-profitt jew tal-kumpannija residenti f'Malta fis-sena ta' negozju li fiha kienu tħallsu d-dividendi kien inkiseb b'mod għalkollox jew kważi esklużiv minn attivitajiet skond it-tifsira ta' nri. 1 sa 6 ta' paragrafu 1 ta' sezzjoni 8 tal-Liġi tal-Ġermanja fuq Relazzjonijiet Esterni dwar it-Taxxa (Aussensteuergesetz) jew minn parteċipazzjonijiet skond it-tifsira ta' paragrafu 2 ta' sezzjoni 8 ta' dik il-Liġi; l-istess għandu japplika għal proprjetà immobbli li tintuża minn stabbiliment permanenti (paragrafu 4 ta' Artiklu 6) u profitti mit-trasferiment ta' dik il-proprjetà immobbli (paragrafu 1 ta' Artiklu 13) u tal-proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà kummerċjali ta' l-istabbiliment permanenti (paragrafu 3 ta' Artiklu 13).

e) Meta kumpannija li tkun residenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiddistribwixxi *income* miksub minn għejjun ġewwa Malta, subparagrafu a) ma għandux jipprekludi l-impożizzjoni kompensattiva tat-taxxa korporattiva fuq dak it-tqassim skond id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar it-taxxi tal-Ġermanja.

f) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' subparagrafu a) it-taxxa doppja għandha tiġi evitata billi jiġi permess kreditu ta' taxxa skond ma hemm stipulat fis-subparagrafu b)

aa) jekk fl-Istati Kontraenti elementi ta' *income* jew kapital jitqegħdu taħt provvedimenti differenti tal-Ftehim jew jiġu attribwiti lil persuni differenti (ħlief b'mod konformi ma' Artiklu 9) u dan il-kionflitt ma tkunx tista' ssir tpaċija tiegħu bi procedura skond paragrafu 3 ta' Artiklu 25 u jekk b'riżultat ta' din id-differenza fit-tqegħid jew attribuzzjoni l-*income* jew kapital rilevanti jibqgħu mhux intaxxati jew inkella jkunu intaxxati b'mod għalkollox baxx, jew

bb) jekk wara li ssir konsultazzjoni kif imiss u bla ħsara għal-limitazzjonijiet tal-liġi domestika tiegħu Stat Kontraenti javża lill-Istat Kontraenti l-ieħor permess tal-kanali diplomatiċi b'*income* ieħor li dwaru jkun bi ħsiebu japplika d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu. L-avviż ma għandux iseħħ qabel l-ewwel ġurnata tas-sena kalendarja li tiġi wara s-sena li fiha jkun sar l-avviż u tkun saret kull ħtieġa legali taħt il-liġi domestika ta' l-Istat notifikanti biex jibda jseħħ l-avviż.

2. It-taxxa għandha tiġi stabbilita fil-każ ta' residenti ta' Malta kif ġej:

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar l-għoti ta' kreditu kontra t-taxxa ta' Malta dwar it-taxxa barranija, meta, skond il-provvedimenti ta' dan il-Ftehim, jiġi inkluż fi stima ta' Malta *income* minn għejjun fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, it-taxxa tal-Ġermanja mħallsa fuq dak l-*income* għandha tiġi permessa bħala kreditu kontra t-taxxa ta' Malta li titħallas fuqha.

Artiklu 24

EBDA DISKRIMINAZZJONI

1. Iċ-ċittadini ta' Stat Kontraenti ma għandhomx jiġu suġġetti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni jew għal xi ħtieġa li jkunu konnessi ma' dan, li tkun diversa jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u ħtiġiet konnessi li għalihom ċittadini ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi, speċjalment għar-rigward ta' residenza, huma jew jistgħu jkunu suġġetti. Din id-disposizzjoni għandha, minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 1, tkun tapplika wkoll għal persuni li ma jkunux residenti ta' xi Stat Kontraenti wieħed jew tat-tnejn li huma.

2. Persuni apolidi li jkunu residenti ta' Stat Kontraenti ma għandhomx jiġu assoġġettati f'xi Stat Kontraenti wieħed jew l-ieħor għal xi tassazzjoni jew għal xi ħtieġa konnessa magħha, li tkun ta' piż ieħor jew ta' aktar piż mit-tassazzjoni u mill-ħtiġiet konnessi li dwarhom iċ-ċittadini ta' l-Istat inkwistjoni ikunu jew jistgħu jkunu assoġġettati fl-istess ċirkostanzi.

3. L-intaxxar ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandux jingħabar inqas favorevolment f'dak Istat l-ieħor mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi ta' dak l-Istat l-ieħor li jkun qiegħed iwettaq l-istess attivitajiet. Din id-disposizzjoni ma għandhiex tiftiehem bħala li tobbliga lil Stat Kontraenti li jikkonċedi lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor xi *allowances*, ħelsien u tnaqqis personali għall-għanijiet ta' tassazzjoni li tikkonċedi lir-residenti tagħha stess.

4. Hlief fejn japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' l-Artiklu 9, tal-paragrafu 4 ta' l-Artiklu 11, jew tal-paragrafu 4 ta' l-Artiklu 12, mgħax, *royalties* u ħlasijiet oħra li jitħallsu minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom, għall-fini li jiġu stabbilit x'inhuma l-profitti taxxabbli ta' dik l-impriża, jiġu mnaqqsa taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku dawn kienu mħallsa lil residenti ta' l-ewwel imsemmi Stat. Bl-istess mod, kull debitu li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha ma' residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor għandu, għall-fini li jiġi stabbilit il-kapital taxxabbli ta' dik l-impriża, jitnaqqas taħt l-istess kondizzjonijiet bħallikieku dan ikun sar ma' residenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

5. Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun għalkollox jew f'parti minnu proprjetà jew taħt il-kontroll, sew dirett sew mhux dirett, minn residenti wieħed jew iktar ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma jkunux suġġetti fl-Istat l-ewwel imsemmi

għal xi tassazzjoni jew ħtieġa konnessa ma' dan li tkun xort'oħra jew ta' iktar piż mit-tassazzjoni u ħtiġiet konnessi li għalihom ikun jew jistgħu jkunu assoġġettati l-impriżi ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

Artiklu 25

PROĊEDURA GĦAL FTEHIM REĊIPROKU

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'tassazzjoni li ma tkunx skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, huwa jista', irrispettivament mir-rimedji pprovduti mil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, jippreżenta l-każ tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu huwa jkun residenti jew, jekk il-każ tiegħu jkun jaqa' taħt il-paragrafu 1 ta' l-artiklu 24, lil dik ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu huwa jkun ċittadin. Il-każ għandu jiġi ppreżentat fi żmien tliet snin minn l-ewwel avviż ta' l-azzjoni li tirriżulta f'intaxxar li ma jkunx skond id-disposizzjonijiet tal-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tistħarreġ, jekk ikunx jidhrilha li l-oġġezzjoni tkun ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, li tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni li ma tkunx skond il-Ftehim. Meta jintlaħaq ftehim dan għandu jiġi implimentat minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġi domestika ta' l-Istati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jistħarrġu kif jirrisolvu permezz ta' ftehim reċiproku kull diffikultà jew dubbju li jista' jitnissel dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien għall-ħelsien minn tassazzjoni doppja f'dawk il-każijiet li m'hemm xejn provdut dwarhom fil-Ftehim.

4. Jekk it-tassazzjoni ta' *income* fi Stat Kontraenti tintlaqat minħabba f'xi taxxa li tinżamm minn ras-il għajn, u jekk din it-tassazzjoni tkun limitata bid-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, l-applikazzjoni ta' dan it-tnaqqis jew eżenzjoni fit-taxxa għandha tkun regolata bil-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat flimkien mal-proċeduri maqbula għal dan l-iskop bejn l-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ Stati Kontraenti.

5. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin direttament bil-għan li jilħqu ftehim fis-sens tal-paragrafi preċedenti.

Artiklu 26

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa għat-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew tal-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti għar-rigward ta' taxxi koperti bil-Ftehim sakemm l-intaxxar li jsir taħtom ma jkunx kuntrarju għall-Ftehim. L-iskambju ta'

informazzjoni mhuwiex ristrett bl-Artiklu 1. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta mill-Istat Kontraenti għandha tiġi ttrattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħall-informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) involuti fl-istima jew fil-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew id-deċizjoni ta' appelli dwar, it-taxxi koperti bil-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. Kull provvista sussegwenti lil aġenziji oħra tista' tingħata biss bl-approvazzjoni bil-quddiem li tiġi mill-Istat li jkun qed jissupplixxi l-informazzjoni.

2. F'ebda każ ma għandhom id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet u mal-prattika amministrattiva ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-amministrazzjoni ta' dak jew ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess tal-kummerċ, jew informazzjoni, li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

Artiklu 27

LIMITAZZJONI TA' BENEFIĊĊJI

1. Dan il-Ftehim ma għandux ikun interpretat li jfisser li

a) xi Stat Kontraenti jkun prevenut milli japplika l-provvedimenti legali domestiċi tiegħu dwar il-prevenzjoni ta' l-evażjoni mit-taxxa jew il-ħelsien mit-taxxa;

b) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hi prevenuta milli tiġbor taxxi fuq ammonti li għandhom jiġu inklużi fl-elementi ta' *income* ta' residenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja taħt ir-Raba' Taqsima tal-Liġi tal-Ġermanja fuq ir-Relazzjonijiet Esterni dwar it-Taxxa (Aussenteuergesetz).

2. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma għandhomx japplikaw għal kumpanniji jew persuni oħra li jkunu jgawdu trattament fiskali speċjali bis-saħħa tal-liġijiet jew il-prattika amministrattiva ta' xi wieħed mill-Istati Kontraenti. Lanqas ma għandhom japplikaw għal *income* li jinkiseb minn dawk il-kumpanniji jew persuni oħra miksub minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, lanqas għal ishma jew drittijiet oħra f'dawk il-kumpanniji li jkunu jappartjenu lil resident bħal dak.

Artiklu 28

MEMBRI TA' MISSJONIJIET DIPLOMATIĊI
U KARIGI KONSULARI

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi ta' membri ta' missjoni diplomatika, kariga konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-disposizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

Artiklu 29

APPLIKAZZJONI TA' PROTOKOLL

Il-Protokoll anness għandu jkun parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artiklu 30

REĠISTRAZZJONI TA' FTEHIM

Ir-reġistrazzjoni ta' dan il-Ftehim mas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, skond l-Artiklu 102 taċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti, għandha ssir konġuntement miż-żewġ Stati Kontraenti, minnufih wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artiklu 31

BIDU FIS-SEĦĦ

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat u l-istrumenti tar-ratifika għandhom jiġu skambjati fil-Belt Valletta kemm jista' jkun malajr.

2. Dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ fid-data ta' l-iskambju ta' l-istrumenti tar-ratifika u d-disposizzjonijiet tiegħu għandu jkollhom effett fiż-żewġ Stati Kontraenti:–

a) għar-rigward ta' taxxi li jinżammu minn ras il-għajn, dwar ammonti li jitħallsu fl-ewwel jum ta' Jannar jew wara dik id-data tas-sena kalendarja li tiġi minnufih wara s-sena li fiha l-Ftehim jkun beda jseħħ;

b) għar-rigward ta' taxxi oħra, għar-rigward ta' taxxi li jinġabru għal xi sena ta' stima li tibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena kalendarja li tiġi minnufih wara s-sena li fiha l-Ftehim jkun beda jseħħ.

3. Malli dan il-Ftehim jibda jseħħ, il-Ftehim bejn Malta u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-Helsien minn Taxxa Doppja ffirmat fis-17 ta' Settembru

1974 għandu jiskadi u għandu jtemm milli jibqa' jseħħ mid-data meta jibdew ikollhom seħħ id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artiklu 32

TERMINAZZJONI

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ għal żmien indefinittiv imma Stat Kontraenti l-wieħed jew l-ieħor jista', fi jew qabel it-tletin jum ta' Ġunju ta' xi sena kalendarja li tibda wara l-iskadenza ta' perjodu ta' ħames snin miġ-data tad-dħul tiegħu fis-seħħ, jagħti lill-Istat Kontraenti l-ieħor, permezz tal-kanali diplomatiċi, avviż bil-miktub tat-terminazzjoni u, f'dak il-każ, dan il-Ftehim għandu jtemm milli jibqa' jseħħ:

a) għar-rigward ta' taxxi li jinżammu minn ras il-għajn, dwar ammonti li jitħallsu fl-ewwel jum ta' Jannar jew wara dik id-data tas-sena kalendarja li tiġi minnufih wara s-sena li fiha jingħata l-avviż ta' terminazzjoni;

b) għar-rigward ta' taxxi oħra, għar-rigward ta' taxxi li jinġabru għal xi sena ta' stima li tibda fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena kalendarja li tiġi minnufih wara s-sena li fiha jingħata l-avviż ta' terminazzjoni.

MAGĦMUL f'Berlin, illum 8 ta' Marzu, 2001, f'żewġ oriġinali, kull wieħed fl-ilsien Ingliż u dak Ġermaniż, iż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

Għal Malta
Joe Borg
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin

Għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja
Wolfgang Ischinger
Segretarju għall Istat

PROTOKOLL

Malta u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ftehmu, meta ffirmaw f'Berlin fit-8 ta' Marzu, 2001 il-Ftehim bejn iż-żewġ Stati għall-ħelsien minn taxxa doppja dwar taxxi fuq l-*income* u fuq il-kapital, dwar dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jifformaw parti integrali minn dak il-Ftehim:

1. B'riferenza għal Artiklu 7:

a) Meta impriża ta' Stat Kontraenti tbiegħ oġġetti jew merkanzija jew tiġġestixxi kummerċ fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk, il-profitti ta' dak l-istabbiliment permanenti ma għandhomx jiġu stabbiliti abbażi ta' l-ammont totali li jiġi riċevut għaldaqstant mill-impriża imma biss abbażi tal-ħlasijiet li huma attribwibbli għall-attività attwali ta' l-istabbiliment permanenti għal dak il-bejgħ jew kummerċ.

b) Fil-każ ta' kuntratti, partikolarment għas-*survey*, provvista, stallazzjoni u kostruzzjoni ta' tagħmir industrjali, kummerċjali jew xjentifiku jew fondijiet, jew ta' xogħlijiet pubbliċi, fejn l-impriża jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor, il-profitti ta' dak l-istabbiliment permanenti ma għandhomx jiġu stabbiliti abbażi ta' l-ammont totali tal-kuntratt, imma biss abbażi ta' dik il-parti mill-kuntratt li effettivament tiġi ġestita mill-istabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti fejn dan ikun jinsab. Profitti li jinkisbu mill-provvista ta' oġġetti għal dak l-istabbiliment permanenti jew profitti li jkollhom x'jaqsmu ma' dik il-parti tal-kuntratt li tiġi ġestita fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali ta' l-impriża għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

c) Ħlasijiet li jiġu riċevuti bħala korrispettiv għal servizzi tekniċi, inklużi studji jew *surveys* ta' xorta xjentifika, ġeoloġika jew teknika, jew għal kuntratti ta' inġinerija inklużi *blueprints* li għandhom x'jaqsmu magħhom, jew għal servizzi ta' konsulenza jew ta' sorveljanza għandhom jitqiesu bħala ħlasijiet li dwarhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew l-Artiklu 14 tal-Ftehim.

2. B'riferenza għal Artiklu 10:

Id-disposizzjonijiet ta' paragrafu 3 ta' l-Artiklu 10 għandhom jibqgħu japplikaw f'Malta sakemm Malta tħaddem is-sistema sħiħa ta' imputazzjoni ta' taxxa tal-profitti ta' kumpannija and tat-tqassim sussegwenti ta' dawk il-profitti lill-azzjonisti tal-kumpannija. Li kellha tinbidel is-sistema preżenti, ir-rati msemmija fis-subparagrafu a) tal-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 10 għandhom japplikaw għal dividendi li jitqassmu minn kumpannija li tkun residenti ta' Malta lil residenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Madankollu, fil-każ ta' bidla bħal dik, l-Istati Kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jikkunsidraw jekk bidla bħal dik fis-sistema ta' taxxa ta' Malta tkunx tqajjem il-ħtieġa ta' xi reviżjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 10.

3. B'riferenza għal Artikli 10 u 11:

Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikli 10 u 11, *income* li jinkiseb fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja minn drittijiet jew pretensjonijiet ta' debitu li jipparteċipaw fi profitti inkluż *income* ta' soċju mhux attiv ("stiller Gesellschafter") mill-partecipazzjoni tiegħu bħala tali jew minn "partiarisches Darlehen" jew "Gewinnobligationen" li jitnaqqsu meta jiġu stabbiliti l-profitti tad-debitur jistgħu jiġu intaxxati fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skond il-liġijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

4. B'riferenza għal Artiklu 26:

Fil-qies li jiġi skambjat tagħrif personali taħt dan il-Ftehim u skond disposizzjonijiet legali domestiċi, għandhom japplikaw dawn id-disposizzjonijiet addizzjonali li ġejjin, wara li jitqiesu d-disposizzjonijiet legali li japplikaw għall-Istati Kontraenti rispettivi:

a) L-Istat li jirċievi t-tagħrif jista' juża dak it-tagħrif biss għall-fini msemmija u għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet preskritti mill-Istat li jagħti t-tagħrif.

b) L-Istat li jirċievi t-tagħrif għandu fuq talba jgħarraf lill-Istat li jagħti t-tagħrif dwar l-użu tat-tagħrif mogħti u r-riżultati li jinkisbu permezz tiegħu.

c) L-Istat li jagħti t-tagħrif ikun obbligat jiżgura li t-tagħrif li jkun se jingħata ikun preċiż u li dan ikun meħtieġ għal u proporzjonali mal-fini li jingħata għalih. Kull projbizzjoni fuq l-għoti ta' tagħrif preskritta taħt il-liġi domestika applikabbli għandha tiġi osservata. Jekk jirriżulta li tagħrif mhux preċiż jew tagħrif li ma jkunx imissu ingħata jkun fil-fatt ingħata, l-Istat li jirċievi t-tagħrif għandu jiġi mgħarraf dwar dan mingħajr ebda dewmien. Dak l-Istat ikun obbligat isewwi jew iħassar dak it-tagħrif.

d) Meta l-persuna inkwistjoni tagħmel applikazzjoni għaldaqstant, hija għandha tiġi mgħarrfa bit-tagħrif provdut u li jkollu x'jaqsam miegħu dwar kif dak it-tagħrif ikun ser jintuża. Ma għandu jkun hemm ebda obbligazzjoni li jingħata dan it-tagħrif jekk kollox ma' kollox jirriżulta li l-interess pubbliku f'li dan it-tagħrif jinżamm jkun bilwisq iktar kbir mill-interess tal-persuna inkwistjoni li tkun ser tirċevih. F'kull rigward ieħor, id-dritt tal-persuna inkwistjoni li tiġi mgħarrfa bit-tagħrif eżistenti dwaru għandu jiġi regolat bil-liġi domestika ta' l-Istat Kontraenti li fit-territorju sovran tiegħu ssir l-applikazzjoni għal dik l-informazzjoni.

e) L-Istat li jirċievi t-tagħrif jassumi kull responsabbiltà skond il-liġijiet domestiċi tiegħu dwar kull persuna li ġġarrab danni kontra l-liġi bħala riżultat

ta' dak l-għoti taħt l-iskambju ta' tagħrif li jsir skond dan il-Ftehim. Għarrigward tal-persuna li ġġarrab id-danni, l-Istat li jirċievi t-tagħrif ma jistax iqajjem l-eċċezzjoni li d-danni jkunu ġew kaġunati mill-Istat li jagħti t-tagħrif.

f) Jekk il-liġi domestika ta' l-Istat li jagħti t-tagħrif tkun tagħmel disposizzjonijiet speċjali dwar l-evażjoni ta' tagħrif personali li jingħata, dak l-Istat għandu jgħarraf lill-Istat li jirċievi t-tagħrif skond ħekk. Irrispettivament minn liġi bħal dik, it-tagħrif personali li jingħata għandu jiġi mħassar ġaladarba dan ma jkunx għadu aktar meħtieġ għall-fini li jkun ingħata għalih.

ġ) L-Istati Kontraenti jkunu obbligati jżommu *records* uffiċjali tat-tagħrif personali mogħti u riċevut.

ħ) L-Istat li jagħti u l-Istat li jirċievi t-tagħrif ikunu obbligati li jieħdu miżuri effettivi biex iħarsu t-tagħrif personali mogħti b'access mhux awtorizzat, bdil mhux awtorizzat u kxif mhux awtorizzat.

5. B'riferenza għal Artiklu 27:

Jinftiehem li fil-każ ta' Malta l-persuni li jgawdu t-trattament fiskali speċjali msemmi fil-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 27 huma dawn li ġejjin:

a) persuni li għandhom jedd għal xi benefiċċju tat-taxxa speċjali taħt l-Att dwar iċ-ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330) ħlief għal dawk il-persuni li jagħżlu l-artikolu 41 ta' dak l-Att biex ikunu soġġetti għad-disposizzjonijiet normali ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123) u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; jew

b) persuni li u daqstant kemm taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, ma jkunux soġġetti għat-taxxa fuq il-profitti li jinkisbu mit-tħaddim ta' bastimenti fit-traffiku internazzjonali; jew

c) persuni li jkollhom jedd għal xi benefiċċju ta' taxxa speċjali għarrigward ta' distribuzzjonijiet minn *trust* soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' l-Att li Jirrikonoxxi *Trusts*, meta jitqies li *trust* kif stipulata f'dak l-Att ma tkunx vestita b'personalità ġuridika u għalhekk din ma tkunx tista' tikseb benefiċċju taħt dan il-Ftehim bi drittha stess; jew

d) persuni intitolati għal xi benefiċċju ta' taxxa speċjali taħt xi liġi sostanzjalment simili li tiġi leġislata sussegwentement u li titqies bi qbil reċiproku ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti bħala trattament fiskali speċjali fil-kuntest tat-tifsira tal-paragrafu 2 ta' l-Artiklu 27 ta' dan il-Ftehim.